MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 317/2004/1

**Tony Aquilina u Tony Aquilina Limited**

**vs**

**Saviour Balzan u/jew Matthew Vella**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Marzu, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti, ghall-hlas tas-somma ta' mhux izjed minn hames t'elef lira Maltin (Lm5,000) bhala danni ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante illi f'rapport ippubblikat fil-gurnal Maltatoday ta' nhar is-6 ta' Gunju, 2004, (Dok. 'TA1') anness ma' l-Avviz huma jew min minnhom immalafamaw lill-atturi jew min

minnhom bil-ghan car li jtellfulhom jew inaqqsulhom ir-reputazzjoni taghhom.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti  fejn eccipew illi:

1. Preliminarjament l-atturi ghandhom jippruvaw li l-konvenuti huma il-legittimi kontraditturi ta' l-allegazzjonijiet li huma gabu kontra taghhom.

2. Preliminarjament ukoll l-artiklu ppubblikat fil-gurnal "Malta Today" ta' nhar is-6 ta' Gunju, 2004, huwa biss rapport ta' fatti li kienu ga pubblici fis-sens li jirreferu ghal serje ta' atti pubblici fosthom sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja u procedimenti pubblici ohra li prezentement qed isehhu kontra l-attur.

3. Minghajr pregudizju ghal fuq espost it-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes billi l-artiklu inkwistjoni huwa oggettivament veritier, rizultat ta' ricerka serja u diligenti, u l-ghan tieghu kien biss l-interess pubbliku jigifieri li l-pubbliku jigi nformat b'mod korrett u veritier fuq materja li tikkoncerna lilu.

4. Minghajr pregudizzju ghal fuq espost dan l-artiklu kien biss frott tal-liberta' ta' l-istampa u tal-ezercizzju tad-dritt fondamentali ta' l-espressjoni li hija l-ghodda hekk mehtiega fl-izvillup demokratiku ta' pajjiz.

5. Ukoll minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-eccipjenti jiddikjaraw li b'difiza taghhom iridu jippruvaw li l-artiklu kien rapport oggettiv tal-fatti attribwiti lill-atturi u dan apparti li huwa 'fair comment' f'socjeta' demokratika.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi pprezentata fil-10 ta' Awissu, 2005 ;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

L-atturi qeghdin jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq dak li deher fl-artikolu intestat "**Conmen in Cocky Land Deals Scam**" fl-1 u 9 pagni tal-gazzetta "Malta Today" tas-6 ta' Gunju, 2004. Huma senjatament jghamlu riferenza ghal dik il-parti ta' l-artikolu fil-pagna 9 ta' l-istess publikazzjoni fejn gie rapportat hekk:
"*Raymond Aquilina had removed the existing foundations of a development they were constructing on this land with a bulldozer, aided by the services of his brother's company namely Tony Aquilina Limited*."

Huma jsostnu l-artikolu kollu jitkellem fuq serje ta' abbuzi serji addebitati lil diversi persuni u socjeta' fejn jipprimeggja Raymond Aquilina, hu l-attur Tony Aquilina. Konsegwentement l-atturi jikkonkludi li b'dik ir-referenza ghal dik l-assistenza limitata f' bicca operazzjoni solitarja illi l-attur allegatament seta' kien ta lil huh permezz ta' l-uzu ta makkinarju u mpjegati tal-kumpanija attrici, huma gew implikat f' dawk il-kummenti kollha negattivi li gew diretti lejn huh u lejn il-persuni u socjeta' ohra imsemmija u attakkati fl-intier ta' listess artikolu.

L-attur Tony Aquilina, fid-deposizzjoni tieghu, ma jikkontestax illi huwa kien, fuq istruzzjoni ta' huh Raymond, effettivament ghamel ix-xoghol ta' l-iskavazzjoni msemmi fl-artikolu u illi ghall-esekuzzjoni ta' dan ix-xoghol kien uza l-impjegati u makkinarju tal-kumpannija tieghu Tony Aquilina Limited. F' din l-istess deposizzjoni anzi huwa enfasizza illi la hu u lanqas il-kumpannija tieghu m' ghandhom xi konnessjoni ma xi negozju li jista' jiggestixxi huh Raymond Aquilina, u enfasizza wkoll li kien esegwixxa ix-xogholijiet ta' skavazzjoni fl-interess ta' huh bl-istess mod kif kien jagixxi

u jahdem kieku kien gie nkarigat minn kwalunkwe kuntrattur iehor.

Huwa jiddikjara "*dejjaqni l-artikolu ghaliex l-artikolu jindika li jiena kont komplici ta' hija, meta jiena kull m' ghamilt mort fuq inkarigu ta' hija biex jiena nghamillu x-xoghol u dan ghamiltulu bi hlas*. *Il-hsara li sofrejt huwa illi n-nies, wara li qraw l-artikolu, bdew jghiduli 'Toni x' garalek hemmhekk' u jiena bdejt nghidilhom illi hijja kien qabbadni nghamillu bicca xoghol bi hlas*".

Minn naha tal-konvenuti, nonostante l-ammissjoni ta' l-atturi illi huma kienu fil-fatt pprestaw is-servizzi taghhom ghall-iskavazzjoni specifika msemmija fl-artikolu, sosstnew illi l-fatt minnhom irrapportat kien gie rrilevat ukoll fi tlett sentenzi tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili ta' l-14 ta' Marzu, 2004 fejn f' kull wahda l-konvenut kien Raymond Aquilina, hu l-attur, u anke eccipew lid an ir-raportagg jikkostitwixxi 'fair comment'.

Ghalhekk jirrizulta assolutament stabbilit illi fil fatt l-attur u l-kumpannija tieghu Tony Aquilina Limited kienu effettivament ipprestaw is-servizzi taghhom lil Raymond Aquilina ghall-habta ta' l-1999 u kienu ghamlu xoghol ta' skavazzjoni appuntu fuq dik il-porzjoni ta' art, illi dwarha l-istess Raymond Aquilina kellu kwistjonijiet dwar il-proprjeta' mas-Sinjuri Marshall u Xuereb u l-kumpannija NMR Limited; ezattament kif gie rapportat fl-istess artikolu fil-bran li minnu jilmentaw l-atturi.

Izda din il-verita' u ezattezza mhumiex bizzejjed biex jezoneraw ghal kollox lill-konvenuti minn kull responsabilita' billi, kif sewwa ssottometta d-difensur ta' l-atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, nonostante illi jirrizultaw ippruvati l-fatti addebitati lill-atturi, l-Qorti xorta wahda trid tezamina jekk dawn il-fatti, kif irrappurtati u kif inseriti fil-kuntest ta' l-artikolu kollhu, jistghux xorta wahda iwasslu ghall-messagg differenti minn dak li attwalment kellu jitwassal lil dawk il-qarreja ta' inteligenza medja illi qraw l-artikolu, senjatament meta l-istess artikolu jitratta eskussivament u fit-tul dwar abbuzi serji fi trasferimenti ta'

artijiet u xogholijiet ta’ bini u li fihom huwa mplikat sew Raymond Aquilina, hu l-attur Tony Aquilina.

Pero’, wara illi l-Qorti ghamlet ezami akkurat ta’ l-artikolu in kwistjoni fl-intier tieghu, jirrizulta illi l-attur u l-kumpanija tieghu u l-assistenza li kien ta lil huh Raymond Aquilina, huma msemmija biss u minghajr riservi in konnessjoni ma’ kaz specifiku ta’ skavazzjoni ta’ pedamenti fuq art li taghha certi Marshall, Xuereb u kumpannija NMR Limited kienu qed jippretendu li hi taghhom.

Ghalhekk qarrej ta’ intellett u mohh medju ma kellu ebda raguni ghaliex jahseb illi l-attur u l-kumpannija tieghu setghu kienu mplikati ma’ l-abbuzi l’ ohra msemmijin precedentement fl-istess artikolu. Anzi, meta l-konvenuti ddemarkaw b’mod car il-limiti ta’l-partecipazzjoni ta’l-atturi f’operazzjoni solitarja ta skavazzjoni, jirrizulta li l-messagg uniku li qarrej normali kellhu jiehu kellhu jkun dak li Raymond Aquilina, fil-kwistjonijiet li kellu dwar dik l-art specifika li dwarha kien hemm diversi pretensjonijiet dwar il-proprjeta’, kien ghazel li jutilizza s-servizzi ta’ huh u l-kumpannija tieghu (l-atturi) sabiex nehha l-pedamenti u saru xogholijiet ta’ skavazzjoni.

Infatti, in ottempranza ma’ dawk ir-regoli kollha li jikkostitwixxu l-“fair comment”, il-konvenuti ma ghamlu ebda enfasi partikolari fuq il-parentela li fil fatt tezisti bejn Raymond Aquilina u huh l-attur Tony Aquilina u anzi rrezistew milli jkomplu jaghmlu xi kummenti fuq l-operat ta’ l-atturi bhall ma kien ikun il-kumment li ix-xogholijiet esegwiti mill-atturi kienu b’ xejn jew li gew ipprestati b’xi ghaggla partikolari.  Zgur li ma gie rraportat xejn zejjed li setgha jitfgha xi dell fuq il-kontribut ta’ l-atturi fl-operazzjonijiet ta Raymond Aquilina.

L-atturi ma jistghux jippretendu li talli Raymond Aquilina seta implikahom f’xi operazzjoni xi ftit oskura jduru fuq il-konvenuti talli dawn irraportaw fedelment dik il-partecipazzjoni.

Ghaldaqstant issib illi ma jezisti ebda indizju ta’ xi ksur tal-ligijiet dwar l-istampa fil-kaz sotto ezami, jirrizulta illi fejn

saret ir-riferenza ghall-attur u ghall-kumpannija tieghu, dak li gie rrapportat huwa biss il-verita', gie rrapportat ezattament fil-kuntest tal-kwistjoni specifika li ghaliha kienet qed tirreferi dik il-parti ta' l-artikolu u li l-kumment veritier dwar il-parentela ta' l-attur ma' Raymond Aquilina huwa fair comment ta' fatt veru li hu fl-interess tal-pubbliku li jkun jaf.

Ghall-dawn il-mottivi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fil-mertu u tichad it-talba ta' l-atturi fil-konfront taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-atturi."

Bl-appell taghhom fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza, l-atturi qed jistiednu lil din il-Qorti tirrevedi l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti fejn din irriteniet illi l-artikolu oggezzjonat minnhom ma kienx malafamanti fil-konfront taghhom;

Il-fatti tal-kaz jinsabu sew migjuba fis-sentenza u mhux il-kaz li l-Qorti toqghod tirriproducihom. Bizzejjed jinghad illi ghall-finijiet ta' l-azzjoni taghhom l-appellanti jikkwerelaw ghar-rigward tal-paragrafu ta' l-artikolu riprodott fis-sentenza appellata dak li f' materja ta' libelli hu maghruf bhala "<u>innuendo</u>". Huma jsostnu illi l-messagg ghall-qarrej ta' intelligenza ordinarja jikkonsisti fl-insinwazzjoni illi huma kienu wkoll ko-involti u mplikati fil-fatti li dwarhom jitratta l-artikolu;

L-ewwel Qorti eskludiet, anke fil-kuntest shih ta' l-artikolu, illi s-silta estratta minnu kienet libelluza. Dan ghamlitu fuq ir-rifless illi qarrej ta' intellett u mohh medju ma kellu ebda raguni ghaliex jahseb li l-appellanti kienu mplikati ma' abbuzi li jippreciza l-artikolu in kwestjoni. Ir-riflessjoni hekk maghmula tikkostitwixxi certament ir-regola primarja dwar kif ghandhom jitwieznu l-kliem. Fuq il-punt il-**Gatley** ("**On Libel and Slander**", Seventh Edition, 1974) jghid dan: "*If words conveyed a defamatory imputation to those to whom they were published, but would not have done so to a reasonable man, they are not defamatory*". Fi kliem

iehor jekk skond dan il-mudell tal-bniedem ragjonevoli u ta' intelligenza ordinarja ma jigix pruvata l-*innuendo* indikat mill-atturi, il-kawza taqa' ghaliex il-kliem denunzjati ma jitqiesux libelluzi. Ara **Kollez. Vol. XLIII P IV p 1056**. F' dan il-kuntest il-**Gatley** (*op. cit.* para. 98) jissokta jikkummenta illi "*ordinary men and women have different temperaments and outlooks. Some are unusually suspicious and some are unusually naïve. One must try to envisage people between these two extremes and see what is the most damaging meaning they would put on the words in question*";

Precizat dan, jaggrava dejjem fuq l-atturi li jgibu prova ta' fatti u cirkostanzi konducenti ghall-konkluzjoni minnhom affermata illi l-kliem kellhom, minn qarrej ragjonevoli, jinghataw it-tifsira ta' imputazzjoni malafamanti. Mhux bizzejjed ghas-success ta' l-azzjoni minnhom proposta illi huma jaskrivu lill-kliem kontenut u tifsira bhal din. Jehtiegilhom, invece, jallegaw, u jipprovaw ukoll, fatti estrinseci li ragonevolment jaghmlu l-kliem, ghall-qarrej ordinarju, l-istess tifsira minnhom mifhuma;

Hi gurisprudenza pacifika dik li tirritjeni li l-kliem denunzjati jridu jigu ezaminati fil-kuntest shih ta' l-artikolu (ara **Kollez. Vol. XXV P I p 611**). Daqstant iehor hu ammess illi meta l-attur jindika *innuendo* partikulari jista' dejjem jirnexxi fl-azzjoni tieghu anke fuq is-sens ordinarju u naturali tal-kliem (**Kollez. Vol. XLIX P II p 970**);

Bhall-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti tista' tghid illi hi wkoll sodisfatta li t-test tal-kliem senjalat mill-appellanti ma jwassalx biex jaddebitalhom ebda allegazzjoni ta' maniggi jew irregolaritajiet. Fl-isfond ta' l-artikolu, ri-ezaminat minnha, dak il-paragrafu hu wiehed merament accidentali li bl-ebda mod ma jallaccja lill-appellanti ma' xi irregolaritajiet. Ma ssib xejn ingurjuz ghall-qarrej ordinarju li, certament, meta jaqra l-artikolu, ma jikkonkludix illi l-appellanti, provvedituri ta' *bulldozer* ghall-iskavar, kienu mdeffsa f' xi irregolarita` dwar proprjeta`. Il-fatt narrat li s-

socjeta` attrici, u, li taghha l-attur hu direttur, hi kumpanija li ghamlet l-iskavar ta' bicca art partikulari hi fiha nnifisha verita` oggettiva kontenuta fi spazju strett u fil-limiti gusti. B' daqshekk ma jfisserx lanqas ghall-qarrej ordinarju illi meta dan il-fatt jigi kkonsidrat u pezat fil-kuntest shih ta' l-artikolu oggezzjonat, dan, ghal daqshekk, necessarjament jittraxxendi f' xi aggressjoni malafamanti kontra l-figura morali ta' l-appellanti;

B' illustrazzjoni ta' dan jghodd ghal kaz in ispecje r-riflessjoni li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell in re "**Joseph Mifsud -vs- Daphne Caruana Galizia**", 27 ta' April 2001:-

"B' danakollu l-allegazzjoni biss li xi hadd kien habib ta' xi hadd fih innifsu, ma setax jitqies li jikkostitwixxi malafama, sakemm dan ma jkunx jimplika illi, bhala konsegwenza ta' dan il-fatt, il-persuna involuta tkun komplici fl-agir kriminuz tal-habib, jew li l-komportament tieghu jkun gie b' daqshekk pregudikat. L-*innuendo* allura kellha tmur oltre s-semplici konstatazzjoni tal-fatt ta' hbiberija";

Ugwalment jista' jinghad fil-kaz taht konsiderazzjoni illi l-fatt li Raymond Aquilina, hu l-attur, ghamel it-thammil ta' bicca art bil-prestazjoni ta' servizz ta' *bulldozer* tal-kumpanija attrici, ma jaghmelx lil din jew lill-attur komplici ta' maniggi illegali. Fil-verita` l-artikolu ma jzid xejn izjed oltre s-semplici konstatazzjoni ta' dan il-fatt, del resto, veritjier u nkontraddett;

Jinghad mill-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (24 ta' Jannar 2004, Numru 747)** illi "*il diritto di cronaca quale esimente dalla responsabilita` per danni derivanti dalla lesione del diritto personale all' onore postula la ricorrenza delle seguenti condizioni:-*

*(a) la verita` oggettiva della notizia pubblicata;*

*(b) l' interesse pubblico alla conoscenza del fatto (cosiddetta pertinenza);*

*(c) la correttezza formale dell' esposizione (cosiddetta continenza).*";

Fil-hsieb konsiderat ta' din il-Qorti l-artikolist, fir-rigward ta' l-appellanti, zamm ruhu fil-parametri ta' dawn l-obbjettivi. Fihom infushom, imbaghad, kif gja manifest, fil-kliem riportati ma jezistux l-estremi tal-malafama. Dan ighodd ukoll fil-konsiderazzjoni ta' l-artikolu fl-assjem.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra dedotti mill-ewwel Qorti, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez kontra l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------